# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Citazzjoni Numru: 1995/97 JRM**

**Jean-Pierre Azzopardi, Iliana Azzopardi u Michael Azzopardi**

**v.**

**Brother Austin Gatt, bhala Kap tal-Iskola De La Salle;**
**Brother David Mizzi, bhala Kap tas-Sixth Form; u**
**Brother Martin Borg FSC bhala Provincjal tal-**
**'Brothers of the De La Salle Christian Schools';**
**u b'digriet tat-8 ta' Marzu 1999 isem Brother Edwin Chircop**
**iddahhal minflok dak ta' Brother Austin Gatt**

**Il-Qorti:**

<u>Preliminari;</u>

Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Gunju 2011, li permezz tieghu qed jitolbu lil

din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tilqa' t-talbiet kollha attrici u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti nomine.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

> "Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' Settembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin jaħtu għad-danni minnhom imġarrbin billi mxew magħhom b'mala fidi meta ċaħħdu d-dħul lill-attur Michael Azzopardi fis-*Sixth Form* tal-Kulleġġ *De La Salle*; (b) tillikwida d-danni mġarrbin minnhom minħabba dak l-aġir; u (ċ) tikkundanna lill-istess imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;
>
> "Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-21 ta' Mejju, 1998, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-attur Michael Azzopardi ma setax iressaq il-kawża ladarba, meta seħħew il-ġrajja li minnhom jilminta hu kien għadu taħt l-eta' u li, f'kull każ, ma ġarrab l-ebda danni minħabba l-imġiba tagħhom. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li mxew mal-attur b'mala fidi u warrbu t-talbiet attriċi bħala infondanti fil-fatt u fid-dritt. Tennew li l-azzjoni hija r-riżultat ta' kampanja mnedija mill-attriċi fuq il-gażżetti fiż-żmien effettiv;
>
> "Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' Ġunju, 1998, li bih ordnat lill-atturi iressqu x-xhieda tagħhom bil-mezz tal-affidavit sas-smigħ li kien imiss[1];
>
> "Rat in-Nota mressqa mill-atturi fl-4 ta' Awissu, 1998[2] u fid-9 ta' Novembru, 1998[3], bix-xhieda b'affidavit u bosta dokumenti tagħhom mehmużin magħha;
>
> "Rat ix-xhieda mismugħa quddiem il-Qorti (diversament presjeduta);
>
> "Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Frar, 2000[4], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' u tiġbor il-provi tal-partijiet;
>
> "Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-imsemmija Assistent Ġudizzjarju, magħduda dik imressqa bil-mezz tal-affidavit;

[1] Paġ. 16 tal-proċess
[2] Paġġ. 18 sa 63 tal-proċess
[3] Paġġ. 65 sa 72 tal-proċess
[4] Paġ. 157A tal-proċess

"Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2006[5], li bih awtorizżat lill-partijiet li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-17 ta' Awissu, 2006[6];

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-24 ta' Awissu, 2006[7], bi tweġiba għal dik imressqa mill-atturi;

"Rat in-Nota ta' Replika mressqa mill-atturi fid-19 ta' Ottubru, 2006[8], liema Nota reġgħet kienet korretta b'oħra mressqa minnhom fis-6 ta' Novembru, 2006[9];

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri mressqa mill-imħarrkin fit-22 ta' Novembru, 2006[10], bi tweġiba għal dawk tal-atturi;

"Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"***Ikkunsidrat:***

"Illi din hija azzjoni ta' danni. L-atturi jgħidu li l-imħarrkin jaħtu għall-ħsara li ġarrbu meta l-imħarrkin ma kinux laqgħu t-talba tal-atturi Jean-Pierre u Iliana Azzopardi biex binhom l-attur Michael jidħol fis-*Sixth Form* tal-Kulleġġ *De La Salle* għas-snin ;

"Illi l-imħarrkin jiċħdu li huma mxew b'malafidi fl-għażla li saret jew li taw xi preferenza mhux xierqa lil ħaddieħor li biha ċaħħdu lill-attur Michael Azzopardi jew lil xi student ieħor milli jidħol għall-kors tal-istudji fil-kulleġġ tagħhom. Jgħidu wkoll li l-istess Michael Azzopardi ma setax iressaq din il-kawża ladarba, meta seħħew il-fatti, hu kien għadu taħt l-eta';

"Illi l-fatti rilevanti li jolqtu l-każ juru li l-attur Michael Azzopardi (aktar 'il quddiem imsejjaħ "Michael") twieled f'Settembru tal-1978. L-atturi l-oħrajn huma missieru u ommu (aktar 'il quddiem imsejħin "il-ġenituri"). Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu sa minn żgħuritu fi skejjel tal-Kongregazzjoni *Brothers of the De la Salle Christian Schools* (aktar 'il quddiem imsejħa "Christian Brothers")[11], l-ewwel fil-livell primarju fil-Kulleġġ Stella Maris fil-Gżira (wkoll immexxi mill-Christian Brothers) u mbagħad fil-livell sekondarju tal-istess Kulleġġ[12]. Huwa temm l-istudji sekondarji fl-imsemmi Kulleġġ fl-1994 b'disa' (9) suġġetti fil-livell Ordinarju;

[5] Paġ. 378 tal-proċess
[6] Paġġ. 379 sa 435 tal-proċess
[7] Paġġ. 437 sa 442 tal-proċess
[8] Paġġ. 443 – 4 tal-proċess
[9] Paġġ. 446 – 7 tal-proċess
[10] F'paġ. 449 tal-proċess
[11] Dok f'paġ. 36 tal-proċess
[12] Affidavit tal-attur Jean-Pierre Azzopardi f'paġ. 18 tal-proċess

"Illi l-atturi jgħidu li meta l-Christian Brothers kellmu lill-istudenti fl-aħħar sena tal-kors sekondarju tagħhom biex iħeġġuhom jinkitbu għall-kors post-sekondarju fis-Sitt Klassi tal-Kulleġġ De La Salle (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kulleġġ"), kienu għarrfuhom li l-Malti kien wieħed minn fost is-suġġetti li riedu jkollhom tabilfors biex jistgħu jidħlu fil-kors fil-Kulleġġ. Il-kors tal-Kulleġġ kien ikun miftuħ għal studenti minn istituzzjonijiet oħrajn, kemm ġuvintur u kif ukoll tfajliet. L-għadd ta' studenti li kienu jintlaqgħu kien bejn wieħed u ieħor xi ftit 'il fuq minn sebgħin (70) ruħ kull sena, u t-talbiet għd-dħul kienu jaqbżu l-mijiet;

"Illi fit-30 ta' Awissu, 1994, Michael ressaq talba lill-Kulleġġ ta' De La Salle (immexxi mill-Christian Brothers) biex jidħol fis-Sitt Klassi (*Sixth Form*) bi tħejjija għall-kors ta' studji tiegħu (tul is-snin akkademiċi bejn l-1994 sa l-1996) biex jikkwalifikawh għal edukazzjoni terzjarja[13]. Michael jgħid li sama' wieħed mill-applikanti l-oħrajn – wieħed George Dunbar-Cousin – jiftaħar li minkejja li ma kienx għadu għadda mill-Malti fil-livell ordinarju, xorta waħda kien żgur li ser jidħol fil-Kulleġġ[14];

"Illi fil-bidu ta' Settembru, Michael intalab imur għal intervista, bħalma ntalbu applikanti oħrajn għall-kors post-sekondarju li applikaw għalih. F'dawk il-jiem saru wkoll ir-riparatorji tas-suġġetti għal dawk li kienu weħlu fis-sessjoni tas-sajf;

"Illi b'ittra tad-9 ta' Settembru, 1994, il-Kulleġġ bagħat jgħarraf lil Michael li t-talba tiegħu ma ntlaqgħetx għax il-livell tal applikanti kien wieħed għoli u għaliex ma kienx hemm wisgħa għal kollha kemm huma, iżda jekk kemm-il darba jitbattal xi post, it-talba tiegħu tkun rikonsiderata[15]. Wara laqgħa li saret bejnhom u l-Kap tal-Kulleġġ, il-ġenituri bagħtu jitolbu lill-Kulleġġ iqis mill-ġdid ir-raġuni għaċ-ċaħda tat-talba ta' Michael, li ssir inkjesta u reġgħu semmew il-każ tal-istudent Dunbar-Cousin (li ma semmewhx b'ismu) li t-talba tiegħu ntlaqgħet mill-Kulleġġ minkejja li ma kellux is-suġġetti kollha obbligatorji biex seta' jidħol[16]. Il-Kulleġġ bagħat jgħid lill-ġenituri, b'ittra tad-19 ta' Settembru, 1994, li ma seta' jsir xejn dwar it-talba tagħhom[17]. Fit-23 ta' Settembru, 1994, ħareġ ir-riżultat tal-eżamijiet riparatorji;

"Illi f'nofs Settembru wkoll il-ġenituri talbu lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex issir investigazzjoni tal-ilment tagħhom u tal-proċes li ntuża biex saret l-għażla għad-dħul fil-Kulleġġ għal dik is-sena partikolari[18]. Id-Dipartiment kiteb lill-Kulleġġ fis-16 ta' Settembru, 1994[19], u, minħabba li ma kien għadu rċieva l-ebda tweġiba, reġa' tennielu t-talba fis-27 ta' Settembru, 1994[20]. Il-Kulleġġ wieġeb lid-

---

[13] Dok "DS", f'paġ. 203 tal-proċess
[14] Affidavit tal-attur Michael Azzopardi f'paġ. 24 tal-proċess
[15] Dok "A" f'paġ. 25 tal-proċess
[16] Dok "B" f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess
[17] Dok "Ċ" f'paġ. 28 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Joseph Sammut 25.10.1999, f'paġ 146 tal-proċess
[19] Paġ. 140 tal-proċess
[20] Paġ 139 tal-proċess

Dipartiment fid-29 ta' Settembru, 1994[21] biex jgħarrfu li "*rest assured that our requirements for VIth Form entry were rigorously adhered to*". Minħabba li, sadattant, il-ġenituri kienu wkoll ressqu l-ilment li student ieħor iddaħħal fil-Kulleġġ meta ma kienx għad għandu r-riżultat tal-Malti meta għalqu l-applikazzjonijiet, id-Dipartiment reġa' kiteb lill-Kulleġġ fl-4 ta' Ottubru, 1994[22], biex jitlob kjarifika f'dan ir-rigward ukoll;

"Illi fil-bidu ta' Ottubru, 1994[23], il-ġenituri kitbu lill-Monsinjur Arċisqof biex jappellawlu jintervjeni fil-każ qabel ma jkollhom jieħdu passi oħrajn;

"Illi f'Ottubru, il-ġenituri talbu u ngħataw laqgħat oħrajn mal-imħarrkin dwar il-każ ta' Michael, iżda b'ittra tal-21 ta' Ottubru, 1994[24], l-Christian Brothers għarrfuhom li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla kienet ser tibqa' u li l-każ kienu jqisuh magħluq. Il-korrispondenza bejn il-ġenituri u l-Christian Brothers baqgħet għaddejja;

"Illi sa minn Marzu tal-1995, il-ġenituri bdew kampanja ta' kitba ta' ittri (miktuba taħt *nom de plume*)[25] u artikli f'għadd ta' ġurnali dwar il-każ tal-proċess tal-għażla mill-Kulleġġ. F'Marzu tal-1995[26], ħarġet stqarrija għall-istampa min-naħa tal-Kurja ta' l-Arċisqof dwar il-każ ta' Michael

"Illi Michael baqa' ma ddaħħalx fil-Kulleġġ u kien daħal f'kulleġġ ieħor għall-kors tal-istudji tiegħu post-sekondarji, iżda waqaf wara l-ewwel sena għaliex ma setax jaqbad art. Għat-tieni sena, l-ġenituri bagħtuh għall-privat għas-suġġetti li għażel

"Illi l-kawża nfetħet f'Settembru tal-1997;

"Illi minħabba n-natura tal-kawża, il-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> marbutin magħha jitolbu li l-Qorti tqis il-każ kollu taħt l-aspetti tad-dannu pretiż u tal-imġiba retta fil-proċess li l-atturi jgħidu li ġabilhom id-danni li jippretendu. L-atturi għażlu li jsejsu t-talba tagħhom fuq il-kawżali tal-malafidi. Il-Qorti trid tistħarreġ il-pretensjonijiet tagħhom fuq din il-kawżali u, għalhekk, mhux fuq kawżali oħrajn li wieħed is-soltu jfittex dwarhom f'azzjonijiet dwar id-danni mġarrba. Il-Qorti sejra tqis l-azzjoni attriċi fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1033 u 1049(1) tal-Kodiċi Ċivili safejn dawn jitkellmu dwar ħsara li saret b'rieda ("bil-ħsieb" jew "doložament") ta' min jagħmel l-att;

"Illi jidher li l-atturi jibnu l-każ tagħhom fuq żewġ elementi ewlenin: fl-ewwel lok, fuq l-eżistenza ta' suġġetti obbligatorji li applikant ried juri li kellu fil-ħin li tkun tressqet talba f'ismu biex jinkiteb fil-kors (f'dan il-każ, is-suġġett tal-Malti); u, fit-tieni lok, fuq in-nuqqasijiet tal-Kulleġġ fil-proċess tal-għażla tal-istudenti ghall-kors 1994 – 1996, meta tħalla

---

[21] Paġ. 138 tal-proċess
[22] Paġ. 137 tal-proċess
[23] Dok "D", f'paġġ. 29 – 30 tal-proċess
[24] Dok "E", f'paġ. 31 tal-proċess
[25] Affidavit tal-attriċi Iliana Azzopardi f'paġ. 68 tal-proċess
[26] Dok "K", f'paġ. 42 tal-proċess

jidħol għall-kors applikant li, sa għeluq iż-żmien tal-applikazzjonijiet, ma kienx għad kellu l-Malti fost is-suġġetti li kien għadda minnhom fil-livell ordinarju. Il-ksur min-naħa tal-imħarrkin ta' dawn iż-żewġ regoli jikkostitwixxi, għall-atturi, il-malafidi li ġabitilhom il-ħsara reklamata;

"Illi l-imħarrkin iwarrbu dawn ix-xiljiet u jisħqu li l-proċess tal-għażla mexa kif imiss u fuq il-ħaqq ma' kull applikant. Itennu kemm-il darba li lill-ġenituri qatt ma ħbewlhom xejn u dejjem tawhom widen għall-ilment tagħhom billi wkoll fissrulhom (u lill-awtoritajiet li talbuhom jispjegawlhom x'ġara) iċ-ċirkostanzi tal-każ;

"Illi l-Qorti tagħraf li l-weġgħa li ħassew il-ġenituri għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni ta' Michael biex jidħol għall-kors hija reazzjoni li kull ġenitur li jfittex dak li huwa l-aħjar għal uliedu jkollu meta pjan ta' ħajja ma jirnexxix. Jekk wieħed iżid ma' dan iċ-ċirkostanza li l-Kulleġġ kien marbut mal-fatt li ma kellux wisgħa għal kull min japplika, jidħol l-element l-ieħor inevitabbli tat-tqabbil ta' min ikun magħżul ma' min ikun tħalla barra, u dan f'kompetizzjoni ħarxa għal min iseħħlu jasal l-ewwel sal-barkun. F'dan il-każ, il-ġenituri sa mill-aktar żmien bikri ta' ħajjet binhom Michael kienu bnew rapport ta' fiduċja mas-sistema u l-prinċipji tal-Christian Brothers fis-sens li lil Michael tawh l-ewwel edukazzjoni formali u istituzzjonali fi skola mmexxija mill-istess Brothers u l-ħsieb kien li Michael jibqa' tiela' f'dak is-sistema fdat u mifhum sa ma jasal biex jagħżel it-triq tal-karriera u l-istudji terzjarji li jmorru magħha. Meta kien jidher ċar, minkejja t-tentativi tagħhom, li Michael ma kienx sejjer jiddaħħal fil-kors li riedu, dik il-weġgħa għall-ġenituri nbidlet fi kruċjata qawwija li nfirxet fil-kamp pubbliku tal-ġurnali lokali b'xejn anqas minn ħmistax-il (15) ittra[27] fuq medda ta' ħames ġimgħat u ħadet is-sura ta' "ġuri pubbliku" tant li ntużaw kliem bħal "*public trial concluded*"[28], "*il-ġuri pubbliku wasal għall-konklużjoni loġika tiegħu*"[29] u "*we have proved, beyond reasonable doubt, that an injustice has been committed by De La Salle College and now rest our case*"[30]. Imbagħad, tressqet il-kawża tal-lum, u dan l-istess atteġġament baqa' jidher kemm fit-tressiq tal-provi (ħafna minnhom f'affidavit li jispikkaw fl-għażla ta' kliem meqjus u legalistiku preċiż) u wkoll fis-sottomissjonijiet. F'dan tal-aħħar, il-Qorti sabet ukoll att mhux tas-soltu fejn l-atturi saħansitra ressqu Nota ta' kjarifika u korrezzjoni tan-Nota ta' Sottomissjonijiet li kienu ressqu aktar qabel huma stess;

"Illi, min-naħa tagħhom u kif wieħed jistenna f'ċirkostanza bħal din, l-imħarrkin u l-Kulleġġ sa mill-bidu sawru linja ta' difiża li l-proċess tal-għażla kien 'il fuq minn kull suspett u li ma kien hemm xejn li seta' ta lok għat-tħassib li, b'xi mod, xiħadd – imqar jekk bi ftaħir minn qabel – seta' sab it-triq il-qasira biex idur mas-sistema tal-għażla li, jekk ma jidħolx mill-bieb, jidħol mit-tieqa. Din id-difiża tħawlet imbagħad fit-taħbila istituzzjonali ta' ġerarkiji u kompetenzi, ta' xhud li jirreferi għad-deċiżjoni li ma kinitx kompitu tiegħu jew li kien marbut b'deċiżjoni li ħa

[27] Dokti "M" sa "Z5", f'paġġ. 44 sa 62 tal-proċess
[28] Dok "Z4", f'paġ. 61 tal-proċess
[29] Dok "Z2" f'paġ. 59 tal-proċess
[30] Dok "Z5", f'paġ. 62 tal-proċess

ħaddieħor, jew il-konfront bejn x'seta' jkun li qal xi ħadd u x'awtorita' kellu biex jgħidha;

"Illi l-Qorti dehrilha xieraq li tagħmel dawn l-osservazzjonijiet biex tfisser il-kuntest li nissel ħafna mill-bosta provi dokumentali u x-xhieda li ressqu l-partijiet u l-atteġġamenti tagħhom f'dawn il-ġrajja, u mhux biex tmaqdar jew iċċekken lill-istess partijiet. Huwa bl-għarfien ta' dan il-qafas kollu li l-Qorti jidhrilha li l-każ jista' jitqies l-aħjar mod u b'kejl xi ftit aktar oġġettiv, lil hinn mill-isfumaturi personali u emotivi li ikkaratterizzaw il-każ bejn l-atturi u l-imħarrkin u l-istituzzjonijiet li jirrappreżentaw;

"Illi l-malafidi m'hijiex preżunta u għalhekk meta persuna tixli lil oħra b'malafidi, min jixli jrid jipprova u jrid jagħmel dan fi grad tajjeb biżżejjed biex jikkonvinċi lil min irid jiġġudika dwar is-siwi ta' xilja bħal dik[31];

"Illi l-atturi jilmħu dan il-ħażen kollettiv fl-imħarrkin billi jixluhom bi preġudizzju mtenni konta binhom u favur l-istudent l-ieħor[32], minħabba li l-imħarrkin ippruvaw jgħattu l-fatti billi naqsu li "jsibu" dokumenti li f'xi żmien kienu tabilfors f'idejhom, u billi jsemmu l-kontradizzjonijiet li l-imħarrkin u xhud oħrajn fil-kawża jaqgħu fihom waqt l-għoti tax-xhieda tagħhom. F'każ minnhom, l-atturi ressqu dikjarazzjoni maħlufa[33] biex igiddbu xhieda mogħtija minn xhud saċerdot dwar laqgħat fil-preżenza ta' xulxin f'data partikolari;

"Illi l-Qorti, kif ingħad, qrat ix-xhieda kollha fl-atti tal-kawża u f'xi każijiet aktar minn darba wkoll. Ma jistax jingħad li ma hemmx xi nuqqasijiet f'xi xhieda mogħtija u xi drabi verżjonijiet li jinbidlu minn l-istess xhud minn darba għal oħra. Madankollu, irid jingħad li wħud mix-xiehda tressqu jixhdu aktar minn darba – dan ġara fil-każ tax-xhud Mary Carabott (erba' darbiet), l-imħarrek Bro David Mizzi (seba' darbiet), u Patri Dominic Scerri (erba' darbiet) – b'bosta mill-istess mistoqsijiet isirulhom aktar minn darba fuq medda ta' żmien u bi tqabbil ma' xhieda li jkun ta ħaddieħor jew minn dokumenti fl-atti li ma jkunux inħarġu minnhom. Ikun xieraq ukoll li l-Qorti tirrileva li tnejn mill-imsemmija xhud kienu xhud tal-atturi, filwaqt li x-xhud l-ieħor (l-imħarrek Bro David Mizzi) ttella' jixhed xejn anqas minn sitt darbiet (tliet darbiet minnhom taħt subizzjoni) bħala xhud tal-atturi nfushom;

"Illi xogħol din il-Qorti hu li tara li tasal għall-fehma tagħha wara li tgħarbel il-provi – mixhuda u dokumentali – li jkollha quddiemha u li tislet minnhom dawk li jidhrilha l-aktar xierqa biex isaħħu u jsejsu l-istess fehma tagħha;

"Illi il-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-

---

[31] App. Kumm. **9.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Borġ*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.241)**
[32] Paġ. 425 tal-proċess
[33] Dok "JPA", f'paġġ. 314 – 6 tal-proċess

prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[34]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas[35]. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[36]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[37];

"Illi biex tkun f'qagħda li tgħid jekk huwiex minnu jew le li l-imħarrkin, jew min minnhom, imxew b'mala fidi jew b'ħażen bi ħsara għall-atturi, il-Qorti jidhrilha li ma tistax ma tqisx qabel kull ħaġa oħra l-aspett ewlieni tal-kwestjoni li nqalgħet bejn il-partijiet, jiġifieri jekk huwiex minnu li student li ried jidħol fil-Kulleġġ riedx tabilfors ikollu l-Malti baħal wieħed mis-suġġetti li ried ikun għadda minnu qabel ma jista' jintlaqa' fil-Kulleġġ. Is-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni taf issolvi wkoll it-tieni lment tal-atturi, jiġifieri dak dwar ir-rettitudni tal-proċess tal-għażla. Tgħin ukoll biex issaffi l-kwestjoni vera tal-każ mill-bosta insinwazzjonijiet u argumenti li bidlu bejniethom il-partijiet;

"Illi dwar il-kwestjoni tas-suġġetti obbligatorji l-atturi kollha jisħqu li, sa minn żmien qabel ma tressqet l-applikazzjoni f'isem Michael, l-Kulleġġ kien jistenna li l-Malti fil-livell ordinarju kellu jkun wieħed mis-suġġetti li kull applikant kien ried ikollu (fi grad tajjeb biżżejjed) biex jista' jitqies għall-għażla għad-dħul fil-kulleġġ. Mhux hekk biss, iżda jgħidu li dan it-tagħrif kien ingħata lill-istudenti (fosthom l-attur Michael) meta kienu għadhom fil-ħames klassi tal-iskola sekondarja waqt li kienu waslu biex iħejju ħalli joqogħdu għall-eżamijiet fil-livell ordinarju. L-atturi ressqu bosta xhud studenti ta' mpar Michael biex jikkonfermaw li tassew kien ingħadilhom dak il-kliem[38]. Ressqu wkoll il-persuna li huma jgħidu li qal dan il-kliem, jiġifieri lil (ex) Brother Geoffrey (Francis) Scerri;

"Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jisħqu li ma kienx minnu li kien hemm xi suġġett partikolari li kien tabilfors (obbligatorju) għad-dħul fil-Kulleġġ u jżidu jgħidu li t-teżi tal-atturi hija ħliqa mill-bidu sat-tmiem u frott tal-immaġinazzjoni tagħhom. Dwar dan, l-atturi jilmintaw ukoll għaliex jgħidu li kien biss matul is-smigħ tal-kawża u fl-ebda waqt qabel li l-imħarrkin jew il-Kulleġġ ħarġu b'din il-verżjoni u li qatt qabel ma kienu ċaħdu l-allegazzjoni tagħhom li l-Malti kien tabilħaqq suġġett

[34] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[35] Ara, per eżempju, P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.***
[36] App. Ċiv. **19.6.2006 fil**-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***
[37] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
[38] Ara d-Dok "AE", f'paġġ. 303 sa 313 tal-proċess

meħtieġ tabilfors biex student applikant tista' tintlaqa' t-talba tiegħu/tagħha biex j/tidħol fil-Kulleġġ;

"Illi jidher li dan huwa każ fejn it-teżi attriċi tistrieħ fuq il-prova lil hinn mill-miktub. Hawn m'huwiex il-każ li l-atturi jridu jġibu prova **kontra** l-provi miktuba u għalhekk ma jgħoddux ir-regoli tal-prinċipju marbut mal-massima *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur*. Il-Qorti jidhrilha li dan huwa każ ta' provi "***praeter** scriptum*";

"Illi l-Qorti tqis li dak li jmissu rregola l-kwestjoni kienu r-regolamenti tad-dħul fil-Kulleġġ. Dan ma jgħoddx biss għall-Kulleġġ fil-każ tal-lum, iżda huwa t-tħaddim ta' regola ta' prattika għaqlija u mistennija kull fejn, fid-dinja, wieħed jiġi biex japplika ħalli jidħol f'xi kors f'xi istituzzjoni edukattiva. L-imġiba reġonevoli tindika li l-ewwel ħaġa li jagħmel bniedem għaqli meta jitħajjar jissieħeb f'xi istituzzjoni edukattiva u jsegwi kors ta' studju, huwa li jfittex li jara x'inhuma r-regoli għad-dħul u x'inhuma l-korsijiet li jista' jqis li jgħoddu għalih. Imbagħad, minn dak li jara u minn dak li jkollu bħala kwalifika akkademika, jara jekk ikunx tajjeb għalih li jressaq talba biex ikun milqugħ għall-kors li jkun għażel. Din hija r-regola;

"Illi fil-każ tal-Kulleġġ, għall-kors li applika għalih Michael (bħall-korsijiet ta' qablu u ta' wrajh) il-Kulleġġ kien joħroġ *Prospectus*. Bejn il-partijiet inqala' xi nuqqas ta' qbil ukoll dwar liema *Prospectus* kien jgħodd għall-finijiet tat-talba li Michael għamel biex jidħol fil-Kuleġġ. Il-Qorti m'għandhiex l-ebda dubju li l-*Prospectus* li jgħodd irid ikun dak li kien fis-seħħ meta saret l-applikazzjoni, għaliex huwa dak id-dokument li fuqu wieħed ikun irid jimxi meta jressaq talba biex jitħalla jidħol għall-kors. Il-prospett dwar id-dħul fil-Kors li għalih kien applika Michael[39] (bħal oħrajn li kienu jgħoddu għall-korsijiet ta' qabel fil-Kulleġġ[40]) jagħraf bejn (i) ħtiġijiet ta' dħul ("*entry requirements*") għall-Kulleġġ b'mod ġenerali u (ii) ħtiġijiet għal dawk li kienu jridu jidħlu fil-Kulleġġ taħt l-Iskema ta' Student-Ħaddiem u (iii) dawk li kienu meħtieġa meta student japplika biex jidħol għal studju partikolari f'suġġetti li jkun irid jagħmel l-eżami tagħhom fil-livell avvanzat ("*A-Level Courses*"). F'tal-ewwel, kulma jitlob il-Prospett kien minn tal-anqas sitt (6) suġġetti fil-livell Ordinarju. F'tat-tieni, kien meħtieġ li l-istudent applikant juri li jkun kiseb minn tal-anqas sitt (6) suġġetti f'livell Ordinarju (GCE jew Matrikola), li minnhom, tabilfors irid juri li kiseb riżultat fl-Ilsien Ingliż, fil-Matematika, fil-Malti u fil-Fiżika. F'tat-tielet, jekk kemm-il darba student-applikant ikun sejjer jistudja suġġett li jwasslu (jew iwassalha) għal-livell Avvanzat, tali student irid juri li kiseb riżultat f'dak is-suġġett fil-livell Ordinarju (GCE jew Matrikola). Mela, skond il-Prospett, il-Malti bħala suġġett f'livell Ordinarju kien meħtieġ fil-każ ta' student li jkun irid jissieħeb fl-Iskema Student-Ħaddiem jew ta' student li jkun irid jieħu l-Malti għal-livell Avvanzat;

[39] Paġġ. 125g, 125h u 125j tal-proċess
[40] Paġġ. 124e, 124f u 124ġ tal-proċess

"Illi l-ebda Prospett ma jgħid imkien li kien hemm xi suġġett jew suġġetti partikolari li student ried li tabilfors ikollu biex l-applikazzjoni tiegħu tintlaqa'. Minkejja dan, l-atturi xehdu li Brother Geoffrey (Francis) Scerri, meta kien kellem lil Michael u lil sħabu fil-klassi qabel ressqu l-applikazzjoni, kien qalilhom li l-Malti kien suġġett li tabilfors kellu jkollhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu fil-Kulleġġ, jagħżlu liema kors ta' studju jagħżlu;

"Illi l-atturi, kif ingħad, jibnu l-każ tagħhom fuq iċ-ċirkostanza tal-imsemmija laqgħa li kienet saret lill-istudenti tal-ħames klassi (fosthom Michael) xi żmien qabel fetħu l-applikazzjonijiet għall-Kulleġġ u fuq in-nuqqas ta' ċaħda formali min-naħa tal-Christian Brothers li l-Malti kien tassew suġġett meħtieġ għad-dħul fil-Kulleġġ jew ta' kull xilja oħra li l-ġenituri kienu ilhom pubblikament u ripetutament jagħmlulhom qabel fetħu din il-kawża. Dwar il-laqgħa, tressqet ix-xhieda tal-attur Michael u ta' bosta minn sħabu li kienu fil-ħames klassi miegħu u wkoll ix-xhieda ta' Brother Geoffrey (Francis) Scerri li kien kellimhom[41]. Ma' dan, huma jġibu 'l quddiem sensiela ta' ċirkostanzi li jqisu li juru li, f'dan ir-rigward, dak li qegħdin jgħidu huwa minnu u li l-imħarrkin qegħdin jostruh;

"Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jiċħdu li riżultat fil-Malti kien suġġett obbligatorju għad-dħul fil-Kulleġġ fis-sena li applika għaliha Michael;

"Illi x-xhud Francis Scerri ma jiċħadx li seta' seħaq mal-istudenti li l-Malti kien meħtieġ[42], iżda huwa jikkwalifika dan il-kliem fil-qafas tal-ħtiġijiet ta' dak is-suġġett għal min kien irid jidħol fl-Iskema ta' Student-ħaddiem jew għal min ried jimmira għad-dħul fl-Universita' ta' Malta (fejn, sa minn dak iż-żmien, il-Malti kien wieħed mis-suġġetti li kull student/a j/trid tabilfors ikollu/jkollha biex j/tista' j/tidħol f'kull kors universitarju. Fuq dan il-fatt, l-atturi jisħqu fuq ix-xhieda ta' Mary Carabott. Min-naħa l-oħra, ħareġ ċar ukoll li l-politika tad-dħul fil-Kulleġġ u l-kriterji tal-istess jitfasslu mill-Kulleġġ għalih u bla ndħil, għalkemm ma jinfatamx għal kollox milli jħejji lill-istudenti għall-eventwalita' li jkunu jridu jkomplu l-istudji tagħhom fl-Universita' f'Malta. Jirriżulta wkoll[43] li kien hemm żminijiet meta l-Kulleġġ laqa' talbiet minn studenti – kemm Maltin u kemm ukoll barranin – biex jidħlu fil-kors bla ma kellhom is-suġġett tal-Malti fil-livell Ordinarju. Ingħatat ukoll raġuni plawsibbli għaliex dan isir, u jiġifieri li l-Kulleġġ jilqa' talbiet minn studenti li la jkunu Maltin u lanqas ikunu se' jsegwu l-istudji terzjarji tagħhom f'Malta;

"Illi l-Qorti, wara li qieset sewwa din il-kwestjoni, tasal għall-fehma li ma ntweriex tajjeb biżżejjed mill-atturi li l-Malti kien tassew suġġett li kien meħtieġ tabilfors biex wieħed jidħol fil-Kulleġġ fis-sena li fiha ressaq it-talba tiegħu l-attur Michael. Jirriżultalha wkoll li la Michael u lanqas l-istudent li miegħu sar it-tqabbil f'dan il-każ (u li ntgħażel biex jidħol

---

[41] Xhieda tiegħu 8.3.1999, f'paġġ. 105 – 116 tal-proċess
[42] Affidavit tiegħu 17.11.2005, f'paġ. 345 tal-proċess
[43] Xhieda ta' Bro Geoffrey (Francis) Scerri 8.3.1999, f'paġ. 110 tal-proċess

għall-kors tas-sitt sena fil-Kulleġġ) ma kienu għażlu l-Malti fost is-suġġetti li riedu jistudjaw fil-livell avvanzat jew li huma ressqu applikazzjoni biex jissieħbu fl-Iskema tal-Istudent-ħaddiem[44];

"Illi meta dawn iċ-ċirkostanzi jitqiesu fid-dawl ta' dak mitlub bil-miktub fil-prospett tal-Kulleġġ, il-Qorti tasal għall-fehma li ma tirriżulta l-ebda malafidi min-naħa tal-Kulleġġ imħarrek jew tal-imħarrkin l-oħrajn, jekk kemm-il darba kien hemm xi student bħal George Dunbar-Cousin li ntlaqgħet l-applikazzjoni tiegħu bla ma sa dak iż-żmien kellu l-Malti bħala kwalifika fil-livell ordinarju fost is-suġġetti l-oħrajn;

"Illi l-Qorti sejra issa tistħarreġ l-ilment l-ieħor tal-atturi dwar jekk saritx xi għażla bi preferenza bi ħsara tal-attur Michael. Ma jistax jonqos li dan l-ilment huwa marbut mal-ilment ta' qablu, iżda m'huwiex l-istess. Kemm hu hekk, l-atturi jsejsu dan l-ilment fuq il-fatt li għalkemm l-istudent George Dunbar-Cousin ma kellux il-Malti, xorta waħda tqieslu s-suġġett wara li kien għadda minnu fl-eżami riparatorju u wara li kien għalaq iż-żmien li wieħed seta' jressaq l-applikazzjoni. Dawn l-allegazzjonijiet tagħhom kienu ġibdu wkoll l-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni – fil-persuna ta' l-uffiċjal Mary Carabott – li, jekk kien tassew hekk, kienet twettqet inġustizzja u diskriminazzjoni (fosthom mal-attur Michael);

"Illi wara li l-Qorti waslet għall-fehma li waslet għaliha dwar jekk il-Malti kienx tassew suġġett li kull applikant ried ikollu biex seta' jidħol għall-kors fil-Kulleġġ, jidhrilha li l-kejl li għandha tistħarreġ huwa dak li kellu l-Bord tal-Għażla fil-ħin li kien qed jifli t-talbiet li sarulu minn bosta studenti f'dik is-sena. Issa f'dan il-każ, tressqu biss żewġ każijiet – it-talba ta' Michael u dik ta' George Dunbar-Cousin. Jekk jintwera li, bi tqabbil bejniethom, wieħed kien jiġi qabel l-ieħor imma ntagħżel min għandu kwalifiki anqas, allura l-atturi jkun seħħilhom juru li tassew li l-proċess tal-għażla kien imtebba' u li magħhom tkun saret inġustizzja li jistħoqqilha l-kumpens;

"Illi dan kollu qiegħed jingħad bla ma għandu jinftiehem li, jekk kemm-il darba Michael tassew kellu marki aqwa minn George Dunbar-Cousin, Michael kien imissu ddaħħal għall-kors: il-Qorti ma tista' qatt tasal għal fehma bħal din, għaliex qatt ma nġabu fl-atti provi li juru kemm mill-mijiet ta' studenti oħrajn li applikaw u kellhom marki aqwa minn Michael baqgħu barra huma wkoll. Michael innifsu xehed li huwa ressaq l-applikazzjoni tiegħu minkejja li ma kienx ottimista dwar il-possibilita' li jkun aċċettat minħabba l-kompetizzjoni qawwija li jkun hemm[45];

"Illi l-provi juru li, meta ż-żewġ studenti ressqu l-applikazzjoni tagħhom, it-tnejn iddikjaraw is-suġġetti li kienu ġabu fil-livell ordinarju sa dak inhar. Meta wieħed iqabbel iż-żewġ applikazzjonijiet, wieħed isib li Michael kellu seba' (7) suġġetti u George Dunbar-Cousin kellu disgħa (9). Mill-gradi li kienu kisbu f'dawk is-suġġetti, u skond il-kejl li l-Bord

[44] Ara Dokti f'paġġ. 203 u 259 tal-proċess
[45] Affidavit tiegħu 4.8.1999, f'paġ. 24 tal-proċess

tal-Għażla kien jagħti skond dawk il-gradi, joħroġ li fuq kollox, Michael kien itella' punti anqas minn dawk li l-istess kwalifiki ta' Dunbar-Cousin kienu jtellgħu sa dak inhar. L-imsemmija talbiet kienu riedu jkunu mressqa flimkien ma' kopji taċ-ċertifikati relativi u dan kien ikun quddiem il-Bord ukoll;

"Illi, minbarra dan, l-imħarrek Mizzi għamilha ċara li meta l-Bord wettaq il-proċess tal-għażla, ir-riżultat tal-eżamijiet reparatorji ma kienx għadu ħareġ[46]. L-atturi ma merewx dan il-fatt. Għalhekk, taqa' t-teżi tal-atturi li l-Kulleġġ għażel lil Dunbar-Cousin billi qieslu suġġett li ma kellux saż-żmien li "niżel is-*shutter*" u għaddulu mal-kwalifiki li kellu diġa' meta ressaq l-applikazzjoni. Il-Qorti toqgħod ukoll fuq ix-xhieda ta' Mary Carabott li bosta drabi tenniet li t-tweġiba li dejjem ingħatatilha (kemm mill-Christian Brothers u kif ukoll mid-Delegat ta'l-Arċisqof) kienet il-garanzija li l-istudenti tqabblu dejjem fuq il-marka globali ("*overall highest mark*") bejn il-wieħed u l-ieħor[47];

"Illi huwa minnu – u fuq dan l-atturi kellhom għalxiex jisħqu u jikkummentaw fit-tul – li l-imħarrek Mizzi ma għarafx ifisser għaliex lid-delegat tal-Arċisqof u lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, seħaq magħhom li Dunbar-Cousin kien ikkwalifika fil-Malti wkoll meta la l-Malti ma kien obbligatorju u lanqas ma kien għadu kiseb dak is-suġġett sa dak inhar li l-Bord tal-Għażla temm il-proċess tal-għażla. Dan ma jagħmilx sabiħ, iżda lanqas jixhed li l-proċess tal-għażla kien difettuż, għaliex huwa ċar li dak li għamel l-imħarrek Mizzi sar wara li l-proċess kien intemm u għal motivi li, huwa jgħid, ħaseb li bihom kien jagħlaq malajr l-għatu ta' qabar fuq il-każ. Fil-fatt, dik il-linja ta' mġiba nisslet suspetti u kebbset in-nirien tal-korla tal-atturi. Dan jingħad iżjed u iżjed jekk inhu tassew minnu li dak li xegħel il-ħuġġieġa kollha kien il-kliem fieragħ u ftaħir tal-istudent Dunbar-Cousin li hu kien jaf żgur li ser jidħol fil-kors tas-sitt sena fil-Kulleġġ. Imma fil-fehma tal-Qorti, dik il-perċezzjoni tal-atturi ma tissarrafx fi proċess vizzjat jew milqut b'mala fidi. Jerġa' jingħad li l-Qorti tista' toqgħod biss fuq dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża, u minn dawk il-provi ma tarax li, sal-waqt li saret l-għażla, kienet saret preferenza bi ħsara tal-attur Michael ukoll meta mqabbel mal-istudent Dunbar-Cousin;

"Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-atturi seħħilhom jippruvaw li l-imħarrkin imxew b'mala fidi u li għalhekk ma jistgħux jistennew li l-imħarrkin jaħtu lejhom għal xi danni minħabba f'hekk. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel talba attriċi;

"Illi minħabba li t-tieni u t-tielet talbiet attriċi jiddependu mill-ewwel waħda, lanqas dawk it-talbiet ma jistgħu jintlaqgħu u m'huwiex il-każ li l-Qorti tgħaddi biex teżamina l-pretensjonijiet ta' danni mressqa mill-atturi;

"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

[46] Xhieda tiegħu f'paġġ. 249, 261, 263, 287 u 292 tal-proċess
[47] Xhieda tagħha f'paġġ. 92 -3, 100, 152, 167 u 181 tal-proċess

> "Filwaqt li **tilqa' l-eċċezzjoni fil-mertu** tal-imħarrkin;
>
> "**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-atturi ma wrewx fi grad tajjeb biżżejjed li l-imħarrkin, jew min minnhom, kien mxew b'mala fidi fl-eżerċizzju tal-għażla tal-istudenti biex jidħlu fil-kors mertu tal-każ għas-Sitt Klassi tal-Kulleġġ De La Salle f'liema eżerċizzju ma ntlaqgħetx it-talba tal-attur Michael Azzopardi, u għalhekk lanqas tista' tilqa' l-istess talba safejn din tinbena fuq il-kawżali tal-mala fidi dwar danni pretiżi mill-atturi kollha;
>
> "**Tiċħad it-talbiet attriċi** l-oħrajn billi huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda; u
>
> "**Tordna** li l-atturi jħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**"

Rat ir-rikors tal-atturi li permezz tieghu talbu kif gia` issemma' illi din il-Qorti thassar u tirrevoka l-ewwel sentenza, tiddikjara li t-talbiet attrici huma fondati fil-fatt u fid-dritt u tikkundanna l-konvenuti ai termini tal-istess talbiet, bl-ispejjez kollha kontrihom.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li permezz taghha talbu l-konferma tas-sentenza;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJI TAL-ATTURI**

L-appellanti qed jappellaw mis-sentenza l-ewwelnett ghaliex qed jghidu li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet zbaljati a bazi tal-provi migbura minnha. Ta' min jispecifika f'dan l-istadju illi ghalkemm l-

appellanti jelenkaw hdax-il paragrafu fejn jindikaw dawk li huma jsejjhu l-aggravji taghhom, dawn jistghu jigu migbura bil-mod segwenti. Fil-fatt fil-parti proprja fejn isemmu l-aggravji huma jargumentaw li l-Qorti kienet zbaljata meta ikkonkludiet li l-konvenuti ma kellhomx *malafede* meta iddecidew li ma jdahhlux lil binhom fis-sitt klassi. Ghalhekk fi ftit kliem qed jargumentaw illi l-Ewwel Qorti ma apprezzatx korrettement il-fatti tal-kaz. Dan ghalkemm imbaghad fit-trattazzjoni orali l-abbli difensuri taghhom ibbazaw it-talba taghhom ghar-revoka tas-sentenza fuq dak li sejjhu informazzjoni hazina li kienet inghatat lill-atturi, u cioe` li kien necessarju ghall-istudenti li jkollhom *O level* fil-Malti biex ikunu jistghu jidhlu fis-sitt klassi f'dik l-iskola, u allura independentement minn jekk il-konvenuti kienux " *in malefede*" jew le.

Fir-rigward tal-apprezzament tal-fatti, ghandu jinghad mill-ewwel li kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Tabone** deciza minnha fit-22 ta' Ottubru 2002, il-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali tal-ewwel Qorti biss "*ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara*". Din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti.*" Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru

2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". **Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014.

F'dan il-kaz, kif espost kjarament fir-rikors tal-appell u r-risposta ghall-istess rikors, il-Qorti hija rinfaccjata kultant b'verzjonijiet differenti u aktar minn hekk, interpretazzjonijiet opposti ghall-provi voluminuzi li tressqu. Dan jirrizulta wkoll mill-kontenut tas-sentenza appellata.

F'sitwazzjonijiet bhal dawn kif espost fit-trattat tieghu **Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano** (Vol. III. pag. 380 – 382 il-gurist **Mattirolo** kiteb hekk:-

> "*Una regola di dottrina e di gurisprudenza generale reca che 'semper onus probandi ei incumbit qui dicit', ossia che 'semper necessitas probandi incumbit illi qui agit'. In verita`, il principio di egualianza civile,*

*che nella pratica dei giudizi si traduce nel principio della parita` di trattamento assicurata alle parti, non permette che si presti fede piuttosto all'allegazione dell'uno che a quella dell'altro dei litiganti. Quindi ciascuna delle parti deve provare i fatti, che essa allega a sostegno del proprio assunto; e l'autorita' giudicante deve pronunizare juxta allegata et probata …. Applichiamo questa regola all'una e all'altra parte.*

"*(a) Il primo ad agire nella causa e ad allegare un fatto, da cui egli pretende sia per risultare un cambiamento nello stato attuale del diritto, e' l'attore ; e percio` actori onus probandi incumbit. Quindi nelle cause in cui si propone un'azione reale l'attore dovra` provare il fatto dal quale deriva il dominio, … ; se egli invece promuove un'azione personale, dovra` pure provare quel fatto, quell'avvenimento da cui nacque il suo diritto e la conseguente obbligazione del convenuto . L'attore, che non provi, deve soccombere : actor non probante, reus est absolvendus. Conseguentemente, in presenza di una domanda non provata, il convenuto puo` limitarsi a negare il fatto allegato, ma non provato dall'attore ; e il giudice debbe senz'altro assolverlo.*

*(b) Se l'attore abbia fornito la prova dei fatti che stanno a base della sua domanda, il convenuto, il quale voglia con qualsiasi eccezione o difesa modificare o distruggere lo stato attuale risultante dalle prove dell'attore, dovra`, dal suo conto, dare la prova di quei nuovi fatti, che egli allega e su di cui e' fondata la sua eccezione : onde la massima 'onus probandi incumbit actori', vuol essere completata con quest'altra 'reus in excipiendo fit actor.*"

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri deciza fit-12 ta' April 2007 fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi** intqal li:-

"*In materja ta` provi, gie diversi drabi ritenut illi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn*:-

"*Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza talattur (reus in excipiendo fit actor) –*

"*"(i) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra,* gh*ax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara **Vol. XXXVII/i/577**;*

"*"(ii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni*

> *u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali talgudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*
>
> "*"(iii) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

Fil-kaz in ezami, nonostante dak li intqal fis-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti, din l-istess Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-atturi kellhom ukoll jikkonvincu li l-konvenuti kellhom *malafede* fl-azzjonijet taghhom u, kif sewwa innotat l-ewwel Qorti, din qatt ma hija prezunta izda trid tigi provata (Artiklu 532 tal-Kodici Civili). Dan ghaliex mhux bizzejjed li jigi stabbilit li l-*ex* Brother Scerri qal id-diskors allegat minnhom izda li kien hemm intenzjoni da parti tieghu jew tal-konvenuti li jqarrqu b'min kien qed jisimghu. Fil-fatt l-istess Brother Scerri xehed illi meta semma l-livel Ordinarju fil-Malti bhala rekwizit huwa kien qed jirreferi ghal dawk l-istudenti li kienu qed japplikaw bl-iskema ta' student haddiem u mhux ghall-istudenti kollha – spjegazzjoni li ma gietx kontradetta u li l-Ewwel Qorti dehrilha li kienet attendibbli, anzi li tirrispekkja il-prospett ghad-dhul fil-kassi imsemmija. Jekk kien hemm min fehmu hazin dan ma jrendix lill-konvenut responsabbli ghal xi danni rizultanti. Il-Qorti taqbel naturalment ukoll li dak li jghodd huwa dak li jghid l-istess prospett u kull min applika kellu d-dover jikkonsulta mieghu.

Jirrizulta wkoll kif qalet l-Ewwel Qorti illi iben l-atturi konjugi Azzopardi, ossija l-attur l-iehor, fil-komputazzjoni tal-marki tella' inqas mill-persuna indikata minnu bhala li "haditlu postu" u dan allura jfisser li ma kien hemm xejn irregolari fl-ghadd finali biex iwassal ghall ghazla. F'kawza civili id-decizjoni trid tinghata fuq preponderanza tal-provi ara **Ciantar v. Curmi, Appell Inferjuri, 28 ta' April 2003** u din il-Qorti, fic-cirkostanzi tal-kaz, hija konvinta skont dawn il-parametri li l-atturi appellati ma irnexxilhomx jeghlbu lanqas dan l-iskoll.

Fuq kollox u independentement minn dan kollu, il-Qorti ma tara ebda ness reali bejn l-allegata ingustizzja sofferta mill-atturi konjugi Azzopardi u binhom mal-fatt li l-istess binhom telaq mill-iskola fejn mar minflok dik li xtaq u rcieva edukazzjoni privata li ghaliha huma hallsu – kwindi n-ness fattwali u legali bejn il-kawzali u d-danni. Ma jistax jigi provat li huwa ma kienx jaghmel hekk ukoll kieku thalla jattendi s-sitt klassi tal-iskola rapprezentata mill-konvenuti. Fuq dan l-aspett il-Qorti ma tifhimx kif l-atturi baqghu jippersistu bl-allegazzjonijiet u t-talbiet taghhom, u addirittura jappellaw mis-sentenza in kwistjoni, li fil-fehma ta' din il-Qorti ma fiha xejn censurabbli anzi din il-Qorti taqbel maghha pjenament.

**Ghalhekk l-aggravji kollha huma respinti.**

DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df